# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sittax (16) ta' Frar 2023**

**Rikors Numru 646/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Pio u Maria Dolores sive Doris konjuġi Pace (ID 11359M u ID 434559M)**

**-vs-**

**Alex Mercieca (ID 85363M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 21 ta' Ġunju 2022, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

*Illi r-rikorrenti ffirmaw żewġ (2) konvenji ma' l-intimat Alex Mercieca, datati sbatax (17) ta' Frar 2020, u erba' u għoxrin (24) ta' Frar 2020, hawn annessi u immarkati bħala Dokument A u Dokument B rispettivament, liema konvenji jirrelataw trasferiment kumplessiv ta' sitt (6) garaxxijiet f'livell basement, aċċessibli minn drive-in u rampa komuni li tiżbokka fi Triq Ninu Cremona, Raħal Ġdid.*

*Illi kif jirriżulta mill-imsemmija konvenji, r-rikorrenti ħallsu lill-intimat is-somma kumplessiva ta' erbgħin elf ewro (€40,000).*

*Illi l-imsemmija somma ta' erbgħin elf ewro (€40,000) ġiet garantita permezz ta' ipoteka speċjali skond att pubbliku in atti tan-Nutar Dott. Dorian Sciberras, datat erbatax (14) ta' Mejju 2020, kopja hawn annessa u immarkata bħala Dokument C, u dan fuq l-arja sovrastanti l-appartament*

*numru tnejn (2), formanti parti minn blokk bini enumerat mija u wieħed (101) fi Triq Sant Albert, Gżira.*

*Illi in segwitu għal iffirmar taż-żewġ konvenji ċitati datati sbatax (17) ta' Frar 2020, u erba' u għoxrin (24) ta' Frar 2020, il-partijiet estendew il-validita ta' l-istess sat-tletin (30) ta' Ġunju 2022, u dan ai termini ta' żewġ estensjonijiet datati entrambi wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju 2021, hawn annessi u immarkati bħala Dokument D u Dokument E.*

*Illi jirriżulta li l-intimat ma wettaqx l-obbligi assunti minnu fuq il-konvenji ċitati, tant li l-propjeta li kellha tiġi trasferita lir-rikorrenti lanqas biss ġiet mibnija.*

*Illi r-rikorrenti, in vista ta' l-iskadenza tat-terminu taż-żewġ konvenji, u stante li l-intimat ma rrifondiex is-somma ta' erbgħin elf ewro (€40,000), għalkemm interpellat permezz ta' ittra uffiċjali sabiex jirrifondi l-istess, huma kellhom jirrikorru għal din il-proċedura.*

*Illi l-imsemmija somma ta` erbgħin elf ewro (€40,000) hija immedjatament dovuta lir-rikorrenti, u dan stante li l-intimat inġustament żamm għandu flejjes tar-rikorrenti u ma onorax l-obbligi assunti minnu fuq il-konvenji ċitati.*

*Illi l-intimat interpellat diversi drabi anke ai termini ta' Ittra Uffiċjali ta' Lulju 2022 għal ħlas ta' l-imsemmija somma baqa' inadempjenti, u għalhekk kellha issir din l-istanza;*

*Illi dan il-kreditu huwa ċert, likwidu u dovut u l-intimat m'għandux eċċezzjonijiet validi xi jressaq kif jirriżulta mill-affidavit ta` Pio Pace hawn anness u mmarkat bħala Dokument F.*

*Għaldaqstant jgħid  l-intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

*Tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ a` tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta` Malta;*

*Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' €40,000 (erbgħin elf ewro) liema ammont jirrappreżenta ħlas effetwat mir-rikorrenti fuq żewġ (2) konvenji iffirmati ma' l-intimat Alex Mercieca, datati sbatax (17) ta' Frar 2020, u erba' u għoxrin (24) ta' Frar 2020, u li l-intimat ma onorax l-obbligi assunti minnu fuq l-istess konvenji.*

*Tikkundanna l-intimat sabiex iħallas is-somma ta` €40,000 (erbgħin elf ewro) lir-rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż, u bl-interessi legali relattivi, kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-2 ta' Awissu 2022, il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għas-6 ta' Ottubru 2022, fejn l-intimat ġie ordnat jidher il-Qorti sabiex jirrispondi għal dak lilu attribwit.

3. Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2022, l-intimat ma kienx notifikat u għalhekk il-kawża ma setgħetx tinstema'.

4. Rat illi fid-9 ta' Novembru, saret l-affissjoni fil-Kunsill Lokali ta' Swieqi, Għassa tal-Pulizija ta' Swieqi u l-indirizz 4, Triq il-Ħawt, Swieqi.

5. Rat illi saret il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern fil-11 ta' Novembru 2022.

6. Rat illi fl-24 ta' Novembru 2022, filwaqt li l-intimat ma deherx, in-notifika tal-atti lill-intimat kienu ghadhom mhux kompletati skond il-Liġi, u għalhekk il-kawża ġiet differita għan-notifika bl-affissjoni.

7. Rat illi fit 3 ta' Frar 2023, saret il-pubblikazzjoni fil-gazzetta The Malta Independent.

8. Rat illi fil-15 ta' Frar 2023, meta ssejjħet il-kawża, l-intimat Alex Mercieca, issa debitament notifikat skond il-Liġi, ma deherx biex jikkontesta t-talba tar-rikorrenti.

9. Rat illi r-rikorrenti talbu illi, a tenur tal-Artikolu 167 u 170 tal-Kap 12, biex il-Qorti tgħaddi għas-sentenza.

10. Rat illi, in vista tal-fatt illi l-proċeduri odjerni saru a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 u li l-intimat, debitament notifikat kif fuq indikat, baqa' ma deherx, il-Qorti għandha tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza odjerna skond il-Liġi, u dana billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u rat l-affidati ta' Pio Pace;

Wara illi rat illi l-intimat, Alex Mercieca, debitament notifikat, naqas milli jidher;

Wara illi rat l-Artikolu 167 u 170 tal-Kap 12;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, konsegwentement:

Tiddikjara illi l-intimat Alex Mercieca huwa debitur tar-rikorrenti Pio u Maria Dolores sive Doris Pace, fl-ammont ta' €40,000 (erbgħin elf ewro) liema ammont jirrappreżenta ħlas effetwat mir-rikorrenti fuq żewġ (2) konvenji iffirmati ma' l-intimat Alex Mercieca, datati sbatax (17) ta' Frar 2020, u erba' u għoxrin (24) ta' Frar 2020, u li l-intimat ma onorax l-obbligi assunti minnu fuq l-istess konvenji.

Tikkundanna l-intimat Alex Mercieca sabiex iħallas is-somma ta` €40,000 (erbgħin elf ewro) lir-rikorrenti Paul u Maria Dolores sive Doris Pace, minnufih.

**Interessi** mid-data tal-preżentata tal-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku ta’ l-intimat.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**